## 7 ta' Marzu, 1984

**Imħallef:-**

## Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.

Maria Cassar

*versus*

Nazzareno Cassar

## Appell - Ritwalità Ta'

*Ġie ddikjarat appell irritu minn sentenza fejn ġie ordnat żgumbrament għaliex fond okkupat mingħajr titolu, għaliex il-meritu la kien jeċċedi l-għaxar liri u lanqas kien hemm involut punt ta' dritt maqtugħ fis-sentenza.*

Il-Qorti:-

*Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Qorti Ċivili tal-*Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fil-25 ta' Frar, 1983, fejn Maria Cassar ħarrket lil Nazzareno Cassar biex jidher quddiem l-istess Qorti u hemm jgħid għaliex ma kellux jiġi kkundannat biex, fi żmien qasir u perentorju, jiżgombra mill-garaxx fil-ġnien ta' 45, Triq it-Torri, il-Qrendi, li huwa kien qiegħed jokkupa mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-15 ta' Diċembru, 1983, li biha ġew milqugħin it-talbiet ta' l-attriċi u l-konvenut ġie mogħti terminu ta' xahar minn dik il-ġurnata biex jiżgombra mill-garaxx *de quo*, bl-ispejjeż kontra tiegħu u b'riserva *għal kull azzjoni li huwa setgħa kellu* riferibbilment għal xi kostruzzjonijiet li huwa seta' għamel fil-ġardina tad-dar ta' l-abitazzjoni ta' l-attriċi;

Rat in-nota ta' appell ippreżentata fid-19 ta' Diċembru, 1983, mill-istess Nazzareno Cassar u l-petizzjoni tiegħu tat-23 *ta' Diċembru, 1983, fejn qiegħed jitlob ir-revoka ta'* l-imsemmija sentenza;

Rat ir-risposta ta' l-imsemmija Maria Cassar ippreżentata fit-3 ta' Jannar, 1983;

*Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti hemm esebiti;*

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-Avukat J. Said Pullicino għall-appellant u ta' l-Avukat Joseph Mifsud għall-appellata;

Ikkunsidrat dwar il-preġudizzjali ta' l-appellabilità tas-sentenza msemmija:

Illi l-valur tat-talba magħmula biċ-ċitazzjoni ġie ddikjarat illi ma kienx jaqbeż l-għaxar liri; dina d-dikjarazzjoni ma ġietx ikkontestata mill-konvenut, l-appellant tal-lum. Kien f'dawna l-limiti li huwa kkontesta t-talbiet ta' l-attriċi billi allega li huwa kien intitolat jokkupa l-garaxx *de quo* b'titolu ta' inkwilinat mingħand l-istess attriċi. Il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, fis-sentenza indikata, ikkunsidrat illi l-provi li ressaq l-istess konvenut ma kinux iwasslu biex juru li huwa kellu dana t-titolu ta' lokazzjoni; u fuq dana ġiet miċħuda l-pretensjoni ta' l-istess konvenut. Mill-banda l-oħra l-Qorti aċċettat li toqgħod fuq il-versjoni tal-fatti kif miġjuba quddiem mill-attriċi bħala waħda iżjed attendibbli minn dik miġjuba mill-konvenut u dana l-istess Qorti għamlitu fuq bażi ta' verosimiljanza u preponderanza ta' provi;

Minn hekk jidher li l-valur tal-pretensjoni magħmula mill-attriċi ma kienx jeċċedi l-ammont ta' għaxar liri u li l-kawża ma kien fiha ebda punt ta' liġi li ġie maqtugħ fis-sentenza msemmija fuq;

Għalhekk għall-appell tal-lum hemm l-ostakolu msemmi fl-artikolu 226 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Għal dawna l-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara irritu u null l-appell mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja fil-15 ta' Diċembru, 1983, magħmul minn Nazzareno Cassar, bil-petizzjoni tiegħu tat-23 ta' Diċembru, 1983, bl-ispejjeż kontra tiegħu.